# Stqarrija tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika wara l-pubblikazzjoni mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ta' analiżi tar-rapport tiegħu dwar l-ingaġġ mal-gvern ta' deputati parlamentari backbenchers

## Introduzzjoni

Fil-5 ta' Lulju 2019 jiena ħriġt rapport[1] dwar l-ingaġġ mal-gvern ta' deputati parlamentari backbenchers, jiġifieri dawk li mhumiex ministri jew segretarji parlamentari. F'dan ir-rapport jiena esprimejt il-fehma li l-ingaġġ mal-gvern ta' deputati backbenchers huwa fundamentalment ħażin għaliex, fost raġunijiet oħra, ipoġġi d-deputati f'dipendenza finanzjarja fuq il-gvern; jimmina l-awtonomija tal-Parlament; u jaggrava l-prattika dubjuża tal-ħatriet bil-fiduċja.

Fil-11 ta' Novembru 2019 is-Segretarju Permanenti Ewlieni ippubblika analiżi tar-rapport tiegħi (l-Analiżi).[2] Huwa kkonkluda li l-ingaġġ ta' deputati parlamentari bħala persuni ta' fiduċja, konsulenti jew membri ta' bordijiet uffiċjali la jikser il-Kostituzzjoni jew liġijiet oħra; la jmur kontra l-prinċipji tal-Kostituzzjoni; u lanqas joħloq xi konflitt ta' interess għad-deputati hekk ingaġġati. Ġie rrapportat li l-Analiżi rċeviet l-approvazzjoni tal-Kabinett u tal-grupp parlamentari tal-Partit Laburista.

Jiena kkonsidrajt bir-reqqa l-argumenti mressqa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni u l-konsulenti legali tiegħu, iżda ma nistax naqbel magħhom. F'din l-istqarrija se ngħid għalfejn, b'riferenza għal tliet pilastri ewlenin tal-pożizzjoni tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. Inoltre, kif biħsiebni nuri f'din l-istqarrija, il-kwistjonijiet involuti mhumiex xi materji legali kkumplikati li jinteressaw biss lill-avukati. Huma kwistjonijiet fundamentali li jikkonċernaw lil kull ċittadin Malti. Donnu li s-Segretarju Permanenti Ewlieni u jiena tlaqna minn punti ta' partenza differenti. L-għan tiegħi hu li nippromwovi titjib fl-istandards permezz ta' tisħiħ tal-prinċipji li l-Kostituzzjoni tagħna hija msejsa fuqhom, filwaqt li l-gvern, kif jidher mill-Analiżi, qed jipprova jiġġustifika s-sitwazzjoni preżenti.

---

1 Rapport dwar il-każ K/002. Jista' jitniżżel minn https://standardscommissioner.com/case-reports/.

2 L-analiżi u l-pariri legali li hu bbażat fuqhom jistgħu jitniżżlu minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2019/November/11/pr192421.aspx.

## 1. Il-Parlament u s-separazzjoni tas-setgħat

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jgħid li l-kunċett ta' separazzjoni tas-setgħat (separation of powers) ma tantx japplika għal Malta għax mhuwiex parti mill-mudell Ingliż li l-Kostituzzjoni ta' Malta hija mibnija fuqu. Dan ifisser li m'hemm ebda raġuni għalfejn id-deputati parlamentari backbenchers m'għandhomx jaqdu l-funzjonijiet tagħhom fil-Parlament u jaqdu l-gvern fl-istess ħin.[3]

Jiena nqis li dan l-argument huwa żbaljat għaliex:

- L-indipendenza tal-Parlament mill-gvern huwa prinċipju importanti ħafna fir-Renju Unit – tant li r-Renju Unit għandu limitu fuq in-numru ta' deputati li jistgħu jinħatru ministri u fuq in-numru ta' ministri li jistgħu jivvotaw fil-Parlament fl-istess waqt.[4]
- F'Malta bħal fir-Renju Unit, kull gvern huwa kontabbli lejn il-Parlament u l-Parlament għandu jżomm il-gvern taħt skrutinju. Deputati backbenchers għandhom rwol ta' skrutinju importanti ħafna, b'mod partikolari bħala membri tal-kumitati varji bħall-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jew il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi.
- Deputat backbencher kif jista' jagħti sehem ġenwin bħala membru ta' kumitat bħal dawn jekk huwa dipendenti fuq il-gvern għall-għixien tiegħu? Dan huwa konflitt ta' interess ovvju.
- L-analiżi tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, ibbażat fuq parir legali, donnu jagħti x'jifhem li jiena esprimejt ruħi favur separazzjoni assoluta tas-setgħat. Jien ċertament m'għedtx li s-setgħat tal-organi differenti tal-istat għandhom jinżammu u jiġu eżerċitati f'kompartamenti għal kollox separati. Għall-kuntrarju, għandu jkun hemm kontrolli u bilanċi. Hu proprju l-eliminazzjoni ta' wieħed minn dawn il-kontrolli, permezz tal-ingaġġ ta' backbenchers mal-eżekuttiv, li jiena kkritikajt fir-rapport tiegħi.

## 2. Il-ħatriet ta' fiduċja u l-Kostituzzjoni

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jinsisti li l-gvern mhux qed jikser il-Kostituzzjoni meta jimpjega nies bil-fiduċja, jiġifieri mingħajr proċess tal-għażla skont il-mertu. Għalhekk isostni li m'hemm xejn fil-liġi li jżomm id-deputati parlamentari milli jingħataw ħatriet ta' fiduċja.[5]

---

3 Segretarju Permanenti Ewlieni u Segretarju tal-Kabinett, "Analiżi tar-Rapport K/002 tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika", paragrafi 10–19.

4 "Limitations on the Number of Ministers", House of Commons Library Briefing Paper no. 03378, 10 ta' Awwissu 2017. Jista' jitniżżel minn https://researchbriefings.files.parliament.uk/documents/SN03378/SN03378.pdf.

5 Segretarju Permanenti Ewlieni, "Analiżi", paragrafu 38.

Dan l-argument huwa żbaljat għaliex:

- L-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni jiddefinixxi karigi mhux militari fl-impieg tal-gvern, b'ċerti eċċezzjonijiet, bħala karigi fis-servizz pubbliku ta' Malta. L-artikolu 110 jeżiġi li dawn il-karigi – għal darb'oħra b'ċerti eċċezzjonijiet – jimtlew skont il-mertu taħt is-sorveljanza tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ebda waħda mill-eċċezzjonijiet taħt dawn iż-żewġ artikoli ma tagħti lok għal ħatriet ta' fiduċja.
- Għalkemm huwa minnu li persuni ta' fiduċja qegħdin jinħatru b'kuntratti ta' sena, l-artikoli 110 u 124 ma jagħmlu ebda distinzjoni bejn ħatriet permanenti u ħatriet ta' sena. Dawn tal-aħħar xorta jitqiesu mill-Kostituzzjoni bħala ħatriet fis-servizz pubbliku.

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jgħid ukoll li l-persuni ta' fiduċja mhumiex uffiċjali pubbliċi (jiġifieri mpjegati fis-servizz pubbliku) għax il-ħatra tagħhom ma tgħaddix mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan hu bil-maqlub ta' li tgħid il-Kostituzzjoni. Skont il-Kostituzzjoni, il-ħatriet għandhom isiru permezz tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għax huma ħatriet fis-servizz pubbliku, u mhux bil-kontra.

## 3. Il-ħatra ta' deputati bħala membri ta' bordijiet

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jqabbel il-membri tal-bordijiet tat-tmexxija ta' entitajiet pubbliċi ma' uffiċjali pubbliċi li huma lecturers fl-Università. Il-Kostituzzjoni stess tippermetti li dawn tal-aħħar jidħlu fil-politika. Fuq dal-bażi s-Segretarju Permanenti Ewlieni ma jarax għalfejn il-bordijiet ta' entitajiet li huma "għal kollox operazzjonali" m'għandhomx jinkludu deputati.[6]

Fil-fehma tiegħi dan l-argument huwa żbaljat għaliex:

- M'hemmx paragun bejn membru ta' bord u lecturer fl-Università. Aktar jista' jsir paragun bejn membru ta' bord u uffiċjal għoli fis-servizz pubbliku, għax it-tnejn għandhom responsabbiltajiet ta' tmexxija. Anki s-Segretarju Permanenti Ewlieni jaqbel li uffiċjali għolja fis-servizz pubbliku m'għandhomx ikunu deputati parlamentari.[7]
- Il-liġijiet li jirregolaw diversi entitajiet pubbliċi jispeċifikaw li l-ministru jista' jagħti struzzjonijiet lill-entità dwar materji ta' policy biss.[8] Dan hu maħsub

---

6 Segretarju Permanenti Ewlieni, "Analiżi", paragrafi 66–72.

7 Segretarju Permanenti Ewlieni, "Analiżi", paragrafi 77–78.

8 Eżempji jinkludu l-Att dwar l-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (il-kapitolu 600 tal-liġijiet ta' Malta), artikolu 10(1); l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ (kap. 594), artikolu 9(4); l-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet (kap. 563), artikolu 17(1); l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (kap. 499), artikolu 11(1); l-Att dwar l-Ilsien Malti (kap. 470), artikolu

biex ibiegħed l-operat tal-entità mill-politika. Huwa konflitt sfaċċat ma' dan il-prinċipju li deputat parlamentari jitpoġġa fuq il-bord tal-entità bis-setgħa li jiddeċiedi fuq l-operat.

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni stess donnu qed jaċċetta li deputati m'għandhomx jinħatru fuq il-bordijiet ta' entitajiet li mhumiex "operazzjonali", għalkemm mhux ċar x'qed ifisser b'dil-kelma.

## Konsiderazzjonijiet oħra

Kif għedt fir-rapport tiegħi tal-5 ta' Lulju 2019, il-prattika li deputati backbenchers jiġu ngaġġati mal-gvern ma bdietx taħt l-amministrazzjoni preżenti. Iżda jien ġejt maħtur bl-appoġġ unanimu tal-Parlament biex naħdem għal titjib fl-istandards fil-ħajja pubblika. It-titjib fl-istandards ifisser li prattiċi mhux mixtieqa għandhom jinqatgħu, ilhomx stabbiliti jew le. It-titjib fl-istandards ifisser ukoll titjib fi prattiċi kurrenti.

Nibqa' nemmen bis-sħiħ li l-ingaġġ tal-backbenchers mal-gvern hija waħda mill-prattiċi li għandha tinqata'. Il-Kummissjoni ta' Venezja esprimiet l-istess fehma meta qalet "the possibilities of backbenchers controlling Government are seriously reduced if MPs have a financial incentive to seek offices at the disposal of the administration they are supposed to control."[9] Bla dubju, is-Segretarju Permanenti Ewlieni huwa familjari ma' dan ir-rapport peress li kkwota silta differenti minnu.[10]

Fir-rapport tiegħi issuġġerejt li r-raġuni għalfejn daħlet il-prattika li d-deputati backbenchers kollha jiġu ngaġġati mal-gvern hija bħala konsolazzjoni talli ma sarux ministri jew segretarji parlamentari, jew bħala kumpens għall-paga baxxa ta' deputat. Ma stajt nara ebda raġuni oħra, ħlief forsi xewqa min-naħa tal-gvern li jsaħħaħ il-kontroll tiegħu fuq il-backbench u b'hekk fuq il-Parlament innifsu, iżda dan ikun biss spekulazzjoni min-naħa tiegħi. Mill-banda l-oħra, ħadd ma ġab l-argument li l-ingaġġ tad-deputati mal-gvern huwa neċessarju jew mixtieq biex pajjiżna jitmexxa aħjar jew biex l-istrutturi demokratiċi tagħna jissaħħu. Għall-kuntrarju, fil-fehma tiegħi din il-prattika la hija neċessarja u lanqas mixtieqa.

Nisħaq li filwaqt li naturalment naqbel li s-saltna tad-dritt (rule of law) hija prinċipju fundamentali tal-Kostituzzjoni tagħna, wieħed ma jistax jinjora l-bżonn daqstant

13(1); l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (kap. 463), artikolu 21(1); u l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi (kap. 442), artikolu 8(1).

9 European Commission for Democracy Through Law (Kummissjoni ta' Venezja), *Malta: Opinion on Constitutional Arrangements and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement*, 17 ta' Diċembru 2019, paragrafu 86. Jista' jitniżżel minn https://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD(2018)028-e.

10 Segretarju Permanenti Ewlieni, "Analiżi", paragrafu 46.

importanti ta' bilanċ bejn it-tliet organi li fuqhom hija mibnija d-demokrazija tagħna, għaliex dan il-bilanċ isostni s-saltna tad-dritt.

Il-Parlament għandu jibża' għall-irwol kostituzzjonali tiegħu u jirreżisti kull prattika li timmina l-indipendenza tiegħu. Fil-fehma tiegħi, il-Parlament għandu jqis il-konklużjonijiet tar-rapport tiegħi bħala opportunità għat-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istituzzjonijiet tat-tmexxija ta' pajjiżna, u għandu jieħu azzjoni biex iġib fit-tmiem il-prattika tal-ingaġġ ta' deputati backbenchers mal-gvern.

Dan jista' jsir permezz ta' emenda fil-Kostituzzjoni biex jissaħħu l-kontrolli fuq konflitti ta' interess min-naħa tad-deputati, kif irrakkomandat il-Kummissjoni ta' Venezja.[11] Jiena ssottomettejt rapport lill-President ta' Malta, fil-kapaċità tiegħu bħala chairman tal-Kumitat dwar Riforma Kostituzzjonali, li jinkludi proposti għal dan il-għan fost oħrajn.[12]

*George Marius Hyzler*
*Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika*

*22 ta' Novembru 2019*

---

11 Kummissjoni ta' Venezja, *Malta: Opinion on Constitutional Arrangements*, paragrafu 94.

12 *Towards Higher Standards in Public Life: Proposals to Modernise the Provisions of the Constitution on Parliament, the Judiciary and Public Administration*, Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 30 ta' Ottubru 2019. Jista' jitniżżel minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/constitutional-reform-proposals.pdf.